23 ta' Gunju, 1952.

Imħallfin :

Is-S.T.O. Dr. L. A. Camilleri, LL.D., *President;*
L-Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, LL.D.
L-Onor. Dr. W. Harding B.Litt., LL.D.

Francesco Busuttil *versus* Giuseppe Tanti Bellotti et.

**Sentenza — Nullità — Żball fl-Isem tal-Partijiet — Kunjom — Atti Gudizzjarji — Korrezzjoni — Appell — Liberazzjoni "Ab Observantia" — Spejjeż — Art. 106 (1) tal-Kap. 23, u Art. 175 (1) u (2) u 237 (a) tal-Kap. 15.**

*L-iben naturali illegittimu ma jistax iġib il-kunjom ta' missieru, iżda jista' jġib biss il-kunjom ta' ommu. Għaldaqstant, jekk wieħed iġib il-kunjom ta' missieru u ta' ommu flimkien, il-kunjom ta' ommu, in kwantu li dak hu l-kunjom veru u reali tiegħu huwa importanti għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni.*

*Sentenza li fiha l-indikazzjoni ta' l-isem ta' waħda mill-partijiet żbaljata fl-identità ta' dik il-persuna adikata ħażin, hija nulla.*

*Il-Qorti ta' l-Appell ma għandhiex is-setgħa li tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem l-Ewwel Qorti; u għalhekk, meta l-iżball jiġi konstatat fit-tieni istanza, il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tagħmel ħaġ'oħra ħlief tikkonstata l-iżball mhux korrett, tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tillibera "ab observantia"*

*Din il-korrezzjoni tista' ssir mill-Ewwel Qorti fuq ċitazzjoni li ssir biex tiġi ottenuta dik il-korrezzjoni.*

*Meta sentenza tiġi annullata mill-Qorti ta' l-Appell, l-annullament*

*jissa anki għall-partijiet li ma jkunux appellaw, meta l-interess tagħhom huwa dipendenti essenzjalment minn dak tal-parti li appellat.*

*Il-parti li tirrileva tardivament l-iżball u tħalli l-atti jimxu 'l quddiem mingħajr ma tkun irrilevatu, għandha tbati parti mill-ispejjeż tal-kawża.*

Il-Qorti, — Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, wara li ppremetta illi l-konvenuti, fl-20 ta' Awissu 1950, krewlu l-post f'First Street, nru. 11, Floriana, li kien għadu 'n kostruzzjoni, u li l-lum huwa kważi lest; u li huma l-lum qegħdin jirrifjutaw jagħtu eżekuzzjoni għal dik il-lokazzjoni; talab :— (1) Li jiġi dikjarat u deċiż li l-post fuq imsemmi ġie minnhom mikri lill-attur; (2) Li konsegwentement l-istess konvenuti jiġu kundannati jikkunsinnawlu l-imfietaħ, fi żmien qasir u perentorju, malli l-post ikun ultimat; (3) Fin-nuqqas, li huwa (l-attur) jiġi awtorizzat jidħol fil-fond malli l-oppożizzjoni tal-konvenuti. Bl-ispejjeż, komprizi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-23 ta' Frar 1951;

*Omissis;*

Rat is-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Marzu 1952, li ddeċidiet għat-tenur ta' l-ewwel u tat-tieni talba ta' l-attur, u kkundannat lill-kjamat fil-kawża biex jikkonsenja lill-istess attur il-muftieħ tal-post f'xahar u nofs żmien minn dak inhar tas-sentenza, u ma ħadetx konjizzjoni tat-tielet talba billi ġiet ċeduta, kif jirriżulta mill-verbal ta' dak inhar tas-sentenza, u ordnat li l-ispejjeż tal-kawża, minħabba ċ-ċirkustanzi riżultanti mill-provi, jitħallsu mill-konvenuti u mill-kjamata in kawża; billi kkunsidrat;

Mill-provi jirriżulta illi l-konvenut Borg Flamingo kera lill-attur il-post imsemmi fl-att taċ-ċitazzjoni........... Il-konvenut Borg Flamingo deher fil-kuntratt għan-nom ta' martu u tal-komproprjetarji l-oħra............;

*Omissis;*

Rat in-nota ta' l-appell u l-petizzjoni ta' Giuseppe Tanti Bellotti u Federico Borg Flamingo, li biha dawn appellaw kontra s-sentenza tal-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tad-29 ta' Marzu 1952, u talbu li dik is-sentenza u l-attijiet kollha tad-din il-kawża jiġu dikjarati nulli minħabba li l-konvenut F

derico Borg Flamingo ġie indikat bħala Federico Borg Fiamingo; u subordinatament, li fil-każ li din l-eċċezzjoni tiġi miċħuda, l-imsemmija sentenza tal-Prim'Awla tad-29 ta' Marzu 1952 tiġi revokata, u konsegwentement jiġu riġettati t-talbiet ta' l-attur; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-attur;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi l-appellant Federico Borg Flamingo ġie mħarrek fl-ewwel istanza bħala Federico Borg Fiamingo; u għalkemm fl-iskritturi kollha tiegħu huwa dejjem niżżel ismu bħala Federico Borg Flamingo, u hekk jidher ukoll fid-dokumenti eżibiti mill-partijiet fil-kawża, u l-attur stess indikah b'dak l-isem fir-rikors għall-mandat ta' inġunzjoni ħalli jixhed, ismu qatt ma ġie korrett, u l-Qorti stess indikatu bħala Borg Fiamingo meta xehed fil-kawża; u b'dak l-isem deher anki fis-sentenza. Sas-sentenza dana Borg Flamingo ma pprotesta qatt fuq l-indikazzjoni żbaljata ta' ismu; u kien fil-petizzjoni ta' l-appell li qajjem il-kwistjoni ta' l-iżball ta' ismu, biex bis-saħħa tiegħu jinvoka n-nullità tas-sentenza u ta' l-atti tal-kawża;

Ikkunsidrat;

Illi l-kunjom "Flamingo" huwa l-kunjom ta' omm l-appellant, u l-kunjom "Borg" huwa ta' missieru. Mill-att tat-twelid ta' l-appellant jidher illi huwa iben naturali illeġittimu ta' Attilio Borg; u għalhekk, skond l-art. 106 (1) tal-Kodiċi Ċivili, l-appellant lanqas seta' jġib il-kunjom ta' missieru, iżda seta' biss iġib il-kunjom ta' ommu, għalkemm fil-fatt fl-att taż-żwieġ huwa jissemma bħala Federico Borg biss. Din iċ-ċirkustanza tirrendi l-kunjom "Flamingo" ta' importanza għall-appellant, in kwantu dak hu l-kunjom veru u legali tiegħu, għall-finijiet ta' l-identifikazzjoni. Fil-kawża l-attur ma indikax l-appellant b'ismu korrett, u għalhekk illum hemm sentenza li fiha l-indikazzjoni ta' waħda mill-partijiet hija żbaljata fl-identità;

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-iżball f'isem ta' waħda mill-partijiet jinsab fl-atti u fis-sentenza tal-Qorti ta' l-ewwel istanza, dina l-Qorti ma tistax tordna l-korrezzjoni f'dawk l-atti; għax l-art.

175 (2) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili ma jestendix is-setgħa tal-Qorti ta' l-Appell li tordna l-korrezzjoni ta' l-atti li jkunu saru quddiem il-Qorti ta' l-ewwel istanza; bil-konsegwenza li, meta l-iżball fl-indikazzjoni tal-parti jiġi rilevat fit-tieni istanza, il-Qorti ta' l-Appell ma tistax tagħmel ħaġa oħra ħlief tikkonstata l-iżball mhux korrett u tirrevoka s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, u tilliberа "ab observantia" (ara sent. ta' din il-Qorti tal-21 ta' Frar 1951 in re "Carmelo D'Alfonso vs. Peter Oliver" u s-sentenza ċitata fiha). Xort'oħra kien ikun il-każ li k'eku l-attur ħa ħsieb jipproċedi b'att ta' ċitazzjoni skond il-liġi biex jottjeni mill-Qorti ta' l-ewwel istanza l-korrezzjoni ta' l-isem ta' l-appellant fl-atti li saru quddiem dik il-Qorti; għax allura din il-Qorti ma kienx ikollha ħlief tikkorreġi l-isem fl-atti li jkunu ġew preżentati quddiemha, u tinqeda bl-art. 175 (2) tal-Kodiċi ta' l-Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (ara Dig. Ital. u sentenza ċivile no. 256, u s-sentenza ta' din il-Qorti tat-8 ta' Marzu 1880 in re "Demarco vs. Semini"). Għaldaqstant, fl-istat attwali tal-proċediment, il-Qorti ma tistax ma tikkunsidrax bħala fondat l-aggravju li preliminarment ġiebu 'l quddiem l-appellanti;

Ikkunsidrat;

Illi għalkemm l-imsejħa fil-kawża ma appellatx mis-sentenza ta' l-Ewwel Qorti, b'dana kollu, ladarba s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti tiġi annullata u revokata, it-tħassir ta' dik is-sentenza jiswa anki għalha; għax l-interess tagħha huwa dipendenti essenzjalment minn dak ta' l-appellanti (art. 237 (a) Kodiċi Proċedura Ċivili). U tabilħaqq, l-imsejħa fil-kawża ġiet kundannata tikkonsenja l-muftieħ tad-dar lill-attur in kwantu s-sentenza ta' l-Ewwel Qorti laqgħet it-talba li biha ġie dikjarat li d-dar giet mikrija lill-attur u l-konvenuti ġew kundannati jagħtuh l-imfietaħ. Meta s-sentenza fuq dawk it-talb'et tiġi mħassra, il-kundanna ta' l-imsejħa fil-kawża ma jkollhiex aktar raġuni tibqa';

Ikkunsidrat fuq l-ispejjeż;

Illi l-appellanti ddawru ma taw l-eċċezzjoni fuq l-isem, u ħallew il-proċediment jgħaddi 'l quddiem sa l-appell. Dana jġib għal temperament fil-kap ta' l-ispejjeż;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti tilqa' l-appell ta' l-appel-

lanti, t'rrevoka s-sentenza appellata, u teħles lill-appellanti u lill-imsejħa fil-kawża mill-ħarsa tal-ġudizzju; bl-ispejjeż ta' l-ewwel istanza kontra l-attur appellat, u dawk tat-tieni istanza mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru kontra l-attur.